MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-23 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 40/2004

**Michael Cauchi**

**vs**

**Emanuel Micallef**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Peress illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300) dovuti lilu ghal xoghol ta' bdil ta' magna li sar fuq il-vettura tieghek u fuq inkarigu tieghek.

Il-konvenut ghandu jigi ikkundannat ihallas ukoll l-imghaxijiet fuq dan l-ammont, l-ispejjes ta' l-ittra interpellatorja mibghuta fl-4 ta' April 2004 u l-ispejjes ta' din il-procedura.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni."

Ra r-risposta:

"1. Illi preliminarjament il-causa petendi hija illegali stante illi l-attur ma huwiex persuna registrata mal-VAT u ghalhekk il-causa tan-negozju hija wahda illecita.

2. Illi d-domandi attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt.

3. Illi ma huwiex minnu li l-konvenut fadallu jaghti LM300 lill-attur.

4. Illi fil-verita mill-kont li hareg l-attur irrifjuta li jhallas LM60, minhabba zewgt ragunijiet (i) li x-xoghol kien difettuz (ii) li l-kont kien esagerat.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda prodotta;

Ra d-dokumenti esibiti;

Sema' t-trattazzjoni tar-rapprezentanti legali tal-partijiet kontendenti;

Ikkunsidra:

Rigward l-ewwel eccezzjoni, din ma tregix billi l-kawza petendi mhix il-hlas tal-VAT imma hija obligazzjoni naxxenti minn kuntratt ta' appalt u ghalhekk hija lecita.

Principalment id-diverbju tal-partijiet jikkoncerna l-hlas ghal xoghol ta' bdil ta' magna ta' karozza. F'dan ir-rigward, il-partijiet ressqu zewg verzjonijiet ghal kollox konfliggenti ghal xulxin. Filwaqt li z-zewg partijiet jaqblu li l-konvenut ghamel xi pagamenti akkont, ma jaqblux dwar l-ammont ta' dawn il-pagamenti. Dan id-diverbju mhux ta' facli rizoluzzjoni, specjalment in vista tal-fatt li l-attur *ex admissis* qatt ma rrilaxxja ricevuti (fol 69);

**Il-verzjoni tal-attur**

L-attur ipprezenta prospett (fol 14) li juri l-prezz totali minnu pretiz, li huwa jaqsam fis-segwenti tlett partiti principali:

Parts 284.75
Magna u gearbox 330.00
Labour 260.00
--------
TOTAL 874.75

Gew esibiti ricevuti tal-parts ewlenin kif ukoll tal-magna u gearbox izda xejn ma gie prodott biex jiggustifika l-ammont ta' xoghol involut (labour).

L-attur, inizjalment qal li l-konvenut kien ihallsu bir-rata ta' LM50 fix-xahar (fol 37) u li dawn kien jiktibhom *fuq bicca karta* (fol 38) li rrizultat li kienet fi djarju tat-2003 li huwa prattikament vojt ghajr ghal-lista ta' pagament allegatament moghtija mill-konvenut, fil-faccata tal-21 ta' Jannar, u xi erba' faccati ohrajn mimlija b'notamenti mixxellanji. Bl-istess tip ta' linka, u fl-ordni taht xulxin hemm hekk:

Manwel Talbot

Tani 100
Tani 50
Tani 50
Tani 50
Tani 54
Tani 60
Tani 40

L-attur jghid (fol 67) li dawn kien jiktibhom hekk kif il-konvenut imur ihallsu, u, kontro-ezaminat, cahad li kitibhom fl-istess gurnata.

It-total ta’ dawn il-pagament jigi ta’ LM404.

Dwar il-verzjoni tal-fatti mressqa mill-attur, it-Tribunal jinnota illi:

1. Jekk it-total kien ta’ LM874.75c u thallas LM404, jigi li kien ghad fadal bilanc x’jithallas ta’ LM470.75c, filwaqt li l-attur qieghed jitlob LM300. Dan ifisser li l-hekk imsejjha notamenti ta’ meta thallas, jekk tabilhaqq titwemmen li dawn kienu jsiru *a tempo vergine*, mhux dejjem kienu jsiru.
2. l-attur jikkontradici lilu nnifsu ghax filwaqt li jghid li l-pagamenti kienu jsiru bir-rata ta’ LM50 fix-xahar, skond in-notamenti tieghu stess dan mhux dejjem kien il-kaz.
3. It-Tribunal ghandu dubbju serju kemm dawn tabilhaqq saru f’okkazjonijiet differenti, u mhux f’okkazjoni wahda. Huma miktubin bl-istess id u bl-istess pinna, puliti taht xulxin. Di piu’, in-notamenti la ghandhom data hdejhom u l-anqas jiffurmaw parti minn xi ktieb tan-negozju mizmum regolarment.
4. Notamenti gewwa faccata f’nofs ta’ ktieb altrimenti prattikament vojt zgur mhux moghnija bi kredibilta’ f’tali grad li t-Tribunal ma jkollux dubbju li jiddubita l-awtenticita’ taghhom, ghax kuntrarjament ghal meta dawn ikunu jiffurmaw parti ntegrali minn ktieb tan-negozju, fejn in-notamenti jitnizzlu f’ordni kronologiku u f’data wara l-ohra, it-Tribunal ma jistax ikollu c-certezza morali li dawn tabilhaqq kienu mnizzla *a tempo vergine.*

**<u>Il-verzjoni tal-konvenut</u>**

Rigward il-kont ipprezentat mill-attur, il-konvenut ma jaqbilx ma’ certi partiti li skond hu kellhom ikunu accessorji ghall-magna, izda jaqbel mal-items ewlenin, hlief ghall-prezz tax-xoghol li jghid li kien esagerat.

Skond il-konvenut- mhux kontradett f’dan ir-rigward ghalkemm saru kontro-ezamijiet isserrati fil-konfront tax-xhieda tal-konvenut innifsu u tax-xhieda minnu prodotti – huwa talab l-ircevuti diversi drabi izda l-attur dejjem irrifjuta li jaghtihomlu.

Kemm fl-ezami kif ukoll in kontro-ezami (fol 25) il-konvenut qal li huwa hallas is-segwenti:

| | |
|---|---|
| Magna | 330 |
| Radiator | 75 |
| Shafts | 45 |
| Qabel dahal l-isptar | 50 |
| Ghax-xoghol esegwit | 200 |
| | ---- |
| Total: | 700 |

Il-konvenut jghid li huwa kien gej u sejjer ghand l-attur, jara l-progress tax-xoghol u jhallsu tad-diversi parts li kienu qeghdin jigu wzati. Jghid li hallas tal-magna meta din waslet ghand l-attur. Dan huwa michud mill-attur. Xhud ghandu biss lil ibnu rigward il-LM50 li hallas lill-attur qabel dahal l-isptar (fol 30, xhieda ta' Edric Micallef) f'liema okkazjoni kien akkompanja lil missieru u ra l-hlas isir; u rigward il-LM200 li l-konvenut jghid li hallas lill-attur wara li hareg mill-isptar ghandu xhud lill-istess ibnu, sia pure xhieda cirkostanzjali, ghax Edric sema' l-konversazzjoni bit-telefon bejn missieru u l-attur, fejn issemmiet din is-somma, kif ukoll akkompanja fl-istess jum lil missieru ghand l-attur izda ma dahalx gewwa l-garaxx; ma rax il-hlas isir ghalkemm ra l-LM200 ghand missieru. L-abbli avukat difensur tal-attur, ipprova jattakka l-kredibilita' ta' Edric Micallef u missieru billi fost ohrajn (i) issuggerixxa lil Edric li qatt ma mar ma' missieru – izda x-xhud, mistoqsi fejn hu l-garaxx tal-attur, gharaf iwiegeb – u (ii) ingunga bhala xhud lil certu Paul Cauchi li skond il-konvenut u ibnu kien wassalhom sal-garaxx fl-okkazjoni meta thallset is-somma ta' LM200. Dan qal li mhux minnu li kien wassal lill-attur u lil ibnu f'din l-okkazjoni. It-Tribunal jinnota li dan ix-xhud hadha mal-konvenut qabel dahal fl-awla biex jixhed, u, skond il-konvenut, qallu li kien sejjer jichad li kien wasslu, ghax kien ser itellfu gurnata xoghol. Mistoqsi mit-Tribunal, dan ix-xhud, ghalkemm cahad li kien sejjer jixhed falz, ammetta li kien ilmenta mal-konvenut. Ghalhekk it-Tribunal ghandu dubbju serju dwar jekk dan ix-xhud kienx

qieghed jixhed il-verita’ jew le. It-Tribunal ma jarax ghalfejn il-konvenut kellu jigdeb dwar dan ix-xhud; ma semmiehx bhala xi xhud li ra l-LM200 jithallsu. L-anqas allega li ibnu ra l-hlas isir – haga li kien jipprova jaghmel kieku ried jaghti verzjoni hazina tal-fatti.

Ikkunsidra:

Illi mhux kontestat, anke ghaliex dan hu principju pacifiku, illi l-piz tal-prova tal-pagament hu fuq id-debitur li jallegah. Prova din li hu jista’ jaghmel b’kull mezz billi l-produzzjoni ta’ ricevuta mhix indispensabbli u jistghu jingiebu provi ohra konvincenti[1].

Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-attur irrifjuta li johrog l-ircevuti tal-hlasijiet akkont li saru mill-konvenut. F’sitwazzjoni bhal din – li gabha l-attur stess b’idejh - fejn jinsorgi dubju ragjonevoli illi l-konvenut debitur seta’ hallas l-ammont dovut, il-prova li l-kreditu kien ghadu dovut hija superjuri ghall-prova li l-kreditu kien gie saldat u allura l-oneru kien jerga’ jirriverti fuq l-attur biex jissostanzja t-talba tieghu[2].

Kif intqal mill-illustri mhallef Caruana Curran: [3]

*“Bhala konsiderazzjoni legali dwar in-natura tal-oneru tal-provi in materja ta’ pagamenti ta’ debiti civili l-Qorti tirritjeni, li, ghalkemm kif dejjem gie ritenut, il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova il-pagament li hu jallega, f’kaz ta’ dubju ragonevoli jekk l-ammont ghadux dovut jew le, dan id-dubbju ghandu dejjem imur favur il-konvenut, ghax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa’ fuq l-attur mill-bidu sa l-ahhar tal-kawza ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu. U fil-kaz ta’ konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi nkombenti rispettivament lilhom, cioe l-attur l-esigibilita` u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, n-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja tal-ewwel u jibqa’ dejjem jimpera l-principju* ***actore non probante reus absolvitur****. L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-*

[1] Avv. John Buttigieg noe -vs- Joseph Portelli noe”, Appell Kummercjali, 26 ta’ Jannar 1976.
[2] Maltacom plc vs Kurt Galea Pace – Qorti tal-Appell, Onor. P Sciberras 19.05.2004
[3] **Manuel Zerafa –vs- Nazzareno Muscat Scerri**”, Prim’Awla Qorti Civili, 27 ta’ Mejju 1970

*principju l-iehor* ***reus in excipiendo fit actor****, ghax, jerga' jinghad, l-oneru centrali tal-akkuza jibqa' fuqu. Altrimenti f'kull kaz ta' konflitt ikun facli ghall-attur jirbah avolja l-Qorti tibqa' sospiza fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu".*

Kif issokta jintqal b'awtorita' [4], f'qaghda bhal din ta' kuntrast evidenti fil-versjonijiet tal-kontendenti jibqa' jezisti f'mohh it-Tribunal dubbju certament ragonevoli jekk l-ammont kienx ghadu dovut. Mhux mistenni li f'din il-qaghda it-Tribunal jezercita d-diskrezzjoni tieghu billi dan ma jistax jaghmlu **'in vacuo'** izda biss, se mai, meta jkunu jirrizultawlu certi elementi ta' prova, bastanti biex ikun jista' b'konvinciment, fuq ir-rizultanzi processwali tal-kaz partikolari, jadopera r-regola tac-certezza morali.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jirrigetta l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, filwaqt li jichad it-talbiet tal-attur, bl-ispejjez a kariku tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[4] Maltacom plc vs Kurt Galea Pace fuq citata.